MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Numru. 274/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Brady Michael Degiorgio**

**(ID 325585(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Brady Michael Degiorgio ta’ 19 sena, iben Michael u Carmen nee` Attard, imwieled Pieta` fil-21 ta’ Gunju 1985, residenti 111, Point Street, Senglea u detentur tal-karta tal-identita` numru 325585(M);

Akkuzat talli:

a) Fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Lulju u l-1 ta’ Awwissu 2004 u fil-granet ta’ qabel din id-data, ittraffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*), minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi biegh jew xort’ ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollha bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lil Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza, mill-Qorti kif diversament presjeduta sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:- Nhar il-31 ta' Lulju 2004, wara illi SM 45 Marisa Bartolo, PC 451 Aaron Bugeja, PS 1355 Cleon Purshouse u PC 102 Anthony Portelli, ghamlu xi tfittxijiet fuq xi zghazagh fil-gnien tal-Gardjola fl-Isla, liema tfittxijiet irrizultaw fin-negattiv, huma nizlu taht is-sur, fejn kien hemm xi zghazagh ohrajn u nnutaw lill-imputat jipprova jidhol f'vettura. Skond ix-xhieda ta' SM 45 Marisa Bartolo "*rajna lill-imputat diehel minn gol-karozza minn got-tieqa. Fil-fatt gbidnieh*".[1] Hekk kif l-imputat gie mwaqqaf, huwa ghadda xi affarijiet fejn kien hemm numru ta' pilloli *ecstasy* u bicca rezina tal-*cannabis* minn gewwa l-vettura tieghu lil PC 102 Anthony Portelli. Dwar dan, PC 102 Anthony Portelli jghid illi l-imputat "*qalli li kellu xi*

[1] A fol. 34 tal-process.

*affarijiet fil-karozza u hemm hekk hu ghaddieli dawn l-affarijiet fejn irrizultaw li kien hemm xi pilloli extacy u xi bicca zghira resin.”*[2] Da parti tieghu l-istess PC 102 jghid ukoll illi ghaddihom lil Maggur 45. Fix-xhieda taghha, imbaghad, l-istess SM 45 Marisa Bartolo tghid illi dawn l-oggetti gew elevati u ssigillati u gew mghoddija lill-Ispettur (illum l-Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara ghal izjed investigazzjoni.[3] Sussegwentement, l-imputat gie arrestat[4] u rrilaxxja stqarrija fl-1 ta’ Awwissu 2004.

Mir-relazzjoni pprezentata mill-Ispizjar Mario Mifsud,[5] jirrizulta illi d-dokument li gie mghoddi lilu ghall-analizi kien jikkonsisti f’borza zghira tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem ‘Data 31/7/04, Hin 10.30 pm, Elevat/i minn gol-karozza FAW-859, fil-presenza ta’ Brady Michael Degiorgio, minn PC 102’ [sottolinear tal-Qorti]. F’din il-borza kien hemm borza zghira tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm wiehed u ghoxrin borza zghira trasparenti u borza zghira tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm bicca *plastic* u erbgha u ghoxrin u nofs pillola ta’ lewn abjad. F’din il-borza kien hemm ukoll blokka zghira ta’ sustanza kannella [sottolinear tal-Qorti]. L-istess espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Li fl-erbgha u ghoxrin pillola u nofs (24½) ta’ lewn abjad li kien hemm fid-dokument moghti lilu ghall-analizi instabet fihom is-sustanza 3,4-*Methylenedioxymethamphetamine (MDMA – ecstasy*), liema sustanza hija *central stimulant* u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Li l-blokka zghira ta’ sustanza kannella, li kien hemm fid-dokument imsemmi, f’ammont nett totali ta’ 0.831 grammi, instabet li kienet raza tal-pjanta tal-cannabis. Fil-blokka ta’ sustanza kannella instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* f’purita` ta’ 4.1%. Ir-raza tal-pjanta tal-*cannabis* hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

[2] A fol. 27 tal-process.
[3] A fol. 34 tal-process.
[4] Xhieda ta’ PC 102, Anthony Portelli, a fol. 27 *et seq* tal-process; xhieda ta’ SM 45 Marisa Bartolo, a fol. 34 *et seq* tal-process; xhieda ta’ PS 1355 Cleon Purshouse, a fol 36 *et seq* tal-process; xhieda ta’ PC 451 Aaron Bugeja, a fol. 38 *et seq* tal-process.
[5] Esebita a fol. 43 tal-process.

Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tiddeciedi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-1 ta' Awwissu 2004. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2011, l-avukat difensur, fil-waqt li ghamel referenza ghad-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alvin Privitera**, deciza fil-11 ta' April 2011, **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs Esron Pullicino**, it-tnejn decizi fit-12 ta' April 2011, talab lil din il-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex tiddikjara l-proceduri nulli u dan stante illi meta l-imputat gie arrestat u mitkellem mill-pulizija, huwa ma kellu l-ebda access ghall-parir jew assistenza legali, liema access ma kienx permess mil-ligi fiz-zmien in kwistjoni. Skond id-difiza, fis-sentenzi msemmija gie deciz illi n-nuqqas ta' tali assistenza jammonta ghall-ksur tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq, liema ksur ghandu konsegwenzi fuq il-process kollu u mhux biss fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Alternattivament u sussidjarjament, id-difiza talbet illi l-istqarrija tigi sfilzata.

Illi da parti taghha, il-prosekuzzjoni esebiet nota li, ghalkemm jidher li tirreferi ghal kaz iehor kontra l-istess imputat, biss it-talba tad-difiza f'dak il-kaz li ghaliha kienet qeghda tirreferi l-prosekuzzjoni, kienet simili bhal dik fil-kaz odjern. Fin-nota taghha, il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghat-talba tad-difiza u dan ghaliex fl-ewwel lok, l-istqarrija in kwistjoni giet mehuda lill-imputat skond il-ligijiet vigenti dak iz-zmien u fit-tieni lok ghaliex il-gudikant ghandu jiehu konjizzjoni u jevalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, inkluz l-istqarrija.

Illi b'digriet moghti fit-28 ta' Novembru 2011, il-Qorti, diversament presjeduta, cahdet l-ewwel talba tad-difiza illi dawn il-proceduri ghandhom jigu dikjarati nulli u minghajr effett, cahdet ukoll it-talba sussidjarja taghha ghall-isfilz tal-istess stqarrija u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, b'dan illi ddikjarat illi kienet ser issegwi skrupolozament id-direzzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali u illi kienet ser tevalwa l-validita` u l-ammissibilita` tal-provi migjuba quddiemha – inkluz ghalhekk l-istqarrija tal-imputat – fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali.

Illi fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ghamlet sottomissjonijiet fit-tul dwar dan il-punt.

Illi m'huwiex kontestat illi fil-jum li fih ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fl-1 ta' Awwissu 2004, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti illi persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur*."

F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq u dan ghaliex *inter alia*:

1. Meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrenti kien ragel matur li diga` kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita` hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn isir l-interrogatorju.

2. Ir-rikorrenti kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn u cioe` minghajr ma ssir l-ebda inferenza mill-fatt li huwa jibqa' sieket.

3. Sakemm infethet il-kawza, ir-rikorrenti qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li kien fiha.

Fis-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius**, il-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet illi l-uzu tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata f'dak il-kaz, kien bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ghaliex din ma nghatatx l-opportunita` li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni. Fl-istess sentenza, il-Qorti regghet irribadiet l-insenjament taghha fis-sentenza fuq citata. Fil-fatt, din is-sentenza hija fuq l-istess binarju ta' sentenza ohra moghtija fl-istess jum ossia dik fl-ismijiet **Pulizija vs Tyrone Fenech**, fejn inghad hekk:

*"… il-qorti tibda biex tghid illi l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita` li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*

*… Ghalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-kaz ta' Salduz illi tghid illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal, ghalhekk biss u ipso facto, ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq[6], madankollu jista' jigri, indipendentement minn x'intqal f'Salduz, illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq, mhux ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda ghax l-istqarrija tkun ittiehdet abuzivament u ma tkunx ta' min joqghod fuqha.*

[6] Il-Qorti hawnhekk ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, u sentenza ohra fl-ismijiet Joseph Bugeja vs Avukat Generali (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013).

*… Din il-qorti ga` osservat illi l-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma dahal fis-sehh l-Art. 355AT tal-Kodici Kriminali l-jedd ghal parir ta' avukat kien maghruf bhala element tal-jedd ghal smigh xieraq bil-hsieb illi jitharsu persuni illi, minhabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita`, djghufija jew biza', setghu jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex. L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi biex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija."*

F'dak il-kaz, stante illi l-imputat kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta ghamel l-istqarrija, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi jista' jkun li minhabba l-eta` tieghu, huwa kellu dik il-vulnerabilita` u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal ghal ksur tal-Artikolu 6. L-istess gie deciz fil-kaz **Pulizija vs Amanda Agius**, fis-sens illi minhabba l-eta` taghha, hija wkoll kellha dik il-vulnerabilita`.

Dawn il-principji regghu gew ribaditi f'sentenza ohra tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' April 2013, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et** moghtija fid-9 ta' Mejju 2013 u f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba** u ricentement f'sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Anthony Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fis-6 ta' Frar 2015.

Fil-kaz odjern meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija, huwa kellu dsatax-il sena u l-fedina penali tieghu fiz-zmien in kwistjoni kienet netta ghal kollox u ghalhekk ma jirrizultax illi l-imputat kien midhla tal-pulizija u mal-manjiera ta' kif isiru l-interrogazzjonijiet. Ghalkemm l-imputat ma kienx minorenni, lanqas jista' jitqies li kien ragel ta' eta` matura. F'dawn ic-cirkostanzi u fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ghandu jitqies bhala persuna vulnerabbli li seta' facilment ikun intimidat bil-presenza tal-pulizija, bl-arrest tieghu u bl-ambjent fejn sarlu l-

interrogatorju u konsegwentement inkrimina ruhu meta seta' juzufruwixxi mid-dritt tieghu li ma jwegibx. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bhala prova inammissibbli u ghaldaqstant ser tigi skartata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Kif inghad, izjed 'il fuq, fil-31 ta' Lulju 2004, wara li kienet dahlet telefonata ghall-habta tad-9.30 p.m.[7], numru ta' pulizija marru taht is-sur tal-Isla u hemmhekk sabu xi zghazagh. Hekk kif huma kienu ser jaghmlu xi tfittxijiet, l-imputat gie nnutat jipprova jidhol fil-karozza, gie mwaqqaf minn PC 120 Anthony Portelli u mill-istess vettura gew elevati xi oggetti li sussegwentement, mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, irrizulta li kienu jinkludu erbgha u ghoxrin pillola u nofs *ecstasy* u blokka zghira raza tal-*cannabis* b'piz nett ta' 0.83 grammi.

Illi jibda biex jinghad illi in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet (a) u (c) ossia dawk li jikkontemplaw ir-reati ta' traffikar tal-pilloli *ecstasy* u tar-raza tal-*cannabis*, ghajr ghall-istqarrija tal-imputat li, kif inghad, qeghda tigi skartata, ma ngabu l-ebda provi ohrajn da parti tal-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant, dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b) ossia dik tal-pussess tal-pilloli *ecstasy* bl-aggravanti, dak li qeghda tikkontesta d-difiza m'huwiex il-pussess tal-pilloli *ecstasy*, liema pussess ammetta ghalih l-imputat waqt id-deposizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, izda l-aggravju tal-istess pussess. Skond id-difiza, il-pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat kienu intizi ghall-uzu esklussiv tieghu u mill-provi prodotti, ma tirrizulta l-ebda cirkostanza li turi, fil-grad rikjest mil-ligi, illi kien xort'ohra.

[7] Ara x-xhieda ta' PS 1355 Cleon Purshouse, a fol. 36 tal-process.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

*" … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li* *__normalment__* *wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Stephen Abela__**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Issa f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni gabet il-prova fil-grad rikjest mil-ligi, kemm tal-ammont ta' pilloli misjuba, kif ukoll tal-pussess, li kif diga` inghad gew ukoll ammessi mill-imputat fix-xhieda tieghu. Huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, illi l-kwantita` ta' pilloli *ecstasy* hekk misjuba ossia 24 pillola u nofs hija kwantita` konsiderevoli u li certament wiehed normalment ma jassocjahiex ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. [8] Huwa jghid illi fil-lejl in kwistjoni, huwa kien qieghed hdejn il-bahar, ix-Xatt tal-Isla, kienu xi tmienja jew disgha persuni, huwa kien qieghed bil-karozza ta' missieru u hekk kif waslu l-pulizija, fl-*ashtray* tal-karozza kienu sabulu xi pilloli. Mistoqsi x'kien ser jaghmel b'dawn il-pilloli, huwa jghid illi dak iz-zmien huwa kien ghaddej minn perjodu difficli, li kien l-aghar zmien ta' hajtu "*u dawk ghalija kont naqbad u nehodhom f'weekend li kelli hemm hekk*".[9] Qal illi l-pilloli li nstabu fil-pussess

[8] A fol. 85 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 88 tal-process.

tieghu kienu ghalih. Mistoqsi kif kien jehodhom f'*weekend*, huwa qal li kien jehodhom il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd u li gieli kien jorqod ftit sieghat. Qal "*gieli hadt 9 u anke 10, tibda minn lejl kmieni u ma tmurx torqod … mid-9.00 pm sal-ghada hux, xi nofsinhar. Ma torqodx*". Mistoqsi fejn kien ikun meta kien jehodhom, huwa qal illi "*l-ewwel tohrog u imbaghad nispiccaw ma' xi grupp xi mkien iehor go xi flat jew xi haga*". Qal illi dan kien perjodu ta' ftit zmien u li forsi ghamel sentejn jew tlieta jiehu d-droga.

Dwar din ix-xhieda tal-imputat, jibda biex jinghad illi l-Qorti kellha l-opportunita` illi tara lill-imputat jixhed u ghalhekk setghet tara wkoll u tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u tista' tghid minghajr tlaqliq illi x-xhieda tal-imputat ma kienet konvincenti xejn. Li persuna tinqabad fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta' pilloli u mbaghad titla' fuq il-pedana tax-xhieda u tipprova tiggustifika li dak l-ammont instab fil-pussess taghha ghaliex kien esklussivament ghaliha sempliciment billi tindika numru ta' pilloli li kienet tikkonsma f'lejl biex tipprova ggibha zewg, ma jwassalx necessarjament sabiex din il-Qorti taccetta – imqar sal-grad tal-probabbli - l-ispjegazzjoni moghtija minn dik il-persuna. Fl-ewwel lok, anke jekk wiehed juri illi fiz-zmien mertu tal-kaz, huwa kien jabbuza mid-droga, dan ma jfissirx necessarjament illi huwa ma setax kellu fil-pussess tieghu droga li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Anke jekk f'dan il-kaz, il-Qorti temmen illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien jabbuza mill-pilloli *ecstasy*, biss il-Qorti ma temminx illi l-pilloli kollha misjuba kienu intizi ghall-uzu personali tieghu biss. Apparti li l-Qorti wara li, kif inghad, semghet lill-imputat jixhed m'hija konvinta xejn mill-veracita` ta' din ix-xhieda dwar l-ammont ta' pilloli li huwa jghid li kien jikkonsma f'*weekend*, f'dan ir-rigward il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud[10] li jghid illi minn studji xjentifici, li wiehed minnhom kien involut fih huwa personalment, jirrizulta illi n-norma lokali u anke gewwa l-Ewropa hija ta' konsum ta' massimu ta' tlett pilloli f'lejl. Issa ghalkemm dawn l-istudji jirrapprezentaw in-norma u ghalhekk jista' jkun hemm kazijiet li ma jkunux fin-norma, biss li l-imputat jghid li kien jikkonsma bejn disa' u ghaxar pilloli f'lejl u addirittura 25 pillola f'*weekend* wiehed, fil-fehma tal-Qorti, la huwa kredibbli u lanqas attendibbli u l-Qorti ma temminx – lanqas sal-grad tal-probabbli – illi dan kien il-kaz. Irid

[10] A fol. 70 tal-process.

jinghad ukoll illi fil-kaz odjern, l-imputat inqabad bil-pilloli fil-lejl tal-31 ta' Lulju 2004, li kien jahbat f'jum tas-Sibt u in oltre il-hin li fih gie intercettat mill-Pulizija kien ghall-habta tal-10.30 p.m. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' PC 1355 Cleon Purshouse li jghid illi kienet dahlet telefonata ghall-habta tad-9.30 p.m., li jfisser ghalhekk illi t-tfittxija fil-vettura tal-imputat saret wara dan il-hin u kif ukoll mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, mil-liema jirrizulta li fuq il-*label* gewwa d-dokument moghti lilu ghall-analizi, kien hemm indikat fost ohrajn, illi l-oggetti in kwistjoni gew elevati fl-10.30 p.m. Isegwi ghalhekk illi sabiex l-imputat seta' jikkonsma l-pilloli kollha li nstabu fuqu f'*weekend*, kif jghid hu fix-xhieda tieghu, tenut kont li gie mwaqqaf is-Sibt bil-lejl ghall-habta tal-10.30 p.m., huwa kellu jikkonsma madwar pillola fis-siegha, minghajr waqfien, sal-Hadd bil-lejl, li certament m'huwiex attendibbli u wisq inqas probabbli.

Mhux biss, izda mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta wkoll illi apparti l-borza zghira tal-*plastic* li fiha kien hemm l-erbgha u ghoxrin pillola u nofs u blokka zghira ta' sustanza kannella, fl-istess dokument li huwa nghata ghall-analizi – li kif inghad jirrizulta car illi kien gie elevat fil-jum in kwistjoni minn PC 102, mill-karozza FAW 859, fil-presenza tal-imputat[11] - kien hemm ukoll borza zghira tal-*plastic* trasparenti li fiha kien hemm wiehed u ghoxrin borza zghira trasparenti. Huwa fatt ben maghruf illi l-pilloli jew kwalsiasi droga ohra del resto jigu spaccati f'boroz zghar tal-*plastic* (jew in kwantu jirrigwarda l-eroina u l-kokaina anke fi qratas tal-karti) u m'hemm l-ebda raguni ghalfejn l-imputat kellu joqghod jigri barra b'erbgha u ghoxrin u nofs pillola tal-*ecstasy*, flimkien ma' wiehed u ghoxri borza zghira tal-*plastic*, jekk mhux ghall-ispacc tal-istess pilloli. Il-Qorti rat b'ghajnejha dawn il-boroz, konsistenti f'boroz zghar tal-*plastic* transparenti tat-tip *self sealing*, liema boroz jidhru mhux uzati u m'ghandha l-ebda dubju ghaliex kienu intizi dawn il-boroz. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-ammont ta' pilloli, kif ukoll il-boroz misjuba fil-pussess tal-imputat huma cirkostanzi li juru, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi tali pilloli ma kinux intizi ghall-uzu esklussiv tal-istess imputat.

[11] Mix-xhieda fuq riprodotta, tirrizulta ppruvata wkoll il-kontinwita` ta' din l-evidenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, it-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (d), imbaghad, ossia dik li tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*, jirrizulta illi l-blokka zghira raza tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat kellha piz ta' 0.831 grammi. Ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-imputat ma jindikax illi huwa kien jaghmel uzu mir-raza tal-*cannabis* fiz-zmien in kwistjoni, biss tenut kont illi din il-blokka kienet wahda zghira li wiehed jista' ghalhekk facilment jassocjaha ma' uzu personali, il-Qorti tqis illi ma giex sodisfacentement ippruvat il-pussess bl-aggravanti fir-rigward tal-istess raza. L-imputat ghalhekk qed jinstab hati biss tal-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, liema reat huwa kompriz u involut fir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (d).

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni kienet wahda netta u li sa Frar 2014, kienet tinkludi biss kundanna wahda dwar imgieba abbuziva waqt partita *football*. Qieset ukoll il-kontenut tas-*Social Inquiry Report* kif aggornat[12], mil-liema jirrizulta illi llum il-gurnata, l-imputat irriforma hajtu kompletament, jghix hajja ta' bzulija l-boghod mid-droga u illi kampjun tal-urina li ttehidlu fit-18 ta' Marzu 2014, irrizulta fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi lleciti. Jirrizulta illi l-imputat jghix hajja stabbli u ma jidhirx li ghandu kazijiet ohrajn pendenti.

Qieset ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2004, illi l-ewwel seduta f'dawn il-proceduri nzammet f'Jannar tas-sena 2008 u li l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qeghda taghlaq il-provi taghha fit-23 ta' April 2012. L-imputat dejjem

[12] A fol. 99 *et seq* tal-process.

deher ghal dawn is-seduti. Da parti tad-difiza, imbaghad, mis-seduta tal-14 ta' Novembru 2012 sas-seduta tas-27 ta' Jannar 2014 ma sar xejn u hlief ghal seduta wahda fejn m'attendiex l-Ufficjal Prosekutur, fil-bqija jew ma deherx l-imputat jew inkella gie mitlub differiment mid-difiza. Ghalkemm l-imputat ikkontribwixxa wkoll ghat-tul fil-proceduri, biss fil-maggor parti tieghu, tenut kont ukoll illi l-proceduri bdew tlett snin u nofs wara li sehh il-kaz, dan id-dewmien ma kienx attribwibbli lill-imputat.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll min-naha l-ohra l-ammont ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni (b), liema ammont kien wiehed konsiderevoli. In oltre applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 in kwantu jirrigwarda l-piena pekunjarja tassattiva applikabbli ghall-imputazzjoni (b) u l-piena pekunjarja li qeghda tapplika fir-rigward tar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis.*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi fir-rigward tal-imputazzjoni (d) m'hijiex qed issibu hati tal-pussess bl-aggravanti, izda qed issibu hati tal-pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* u qed issibu hati wkoll tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah ghal piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji.

Madankollu, jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti qeghda wkoll tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' hames mija u erba' Euro u disgha u tletin centezmu (€504.39), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza. Fin-nuqqas u kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu prefiss, dan l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga, Dokument NC, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------